# Daħla

Dan il-ktieb huwa annimal stramb. Għadni ma nafx jekk hux rettilu, mammiferu, anfibju, insett, għasfur jew ħuta; jew jekk għaddiex minn xi tip ta' inġinerija ġenetika u ħa ftit minn kollox. Jiena xtaqtu jkun farfett ċkejken u leġġer; farfett nebbiexi li jitfaċċa u jgħib bla ma jħallik tnemmsu. Imma ma nafx jekk irnexxilix. Jista' jkun li xi drabi l-farfett żviluppa fi gremxula jew ħanżir l-art.

Fi kliem ieħor, l-għan tiegħi kien li nippreżenta qari ħafif li wieħed ikun jista' jduqu bil-ħeffa. L-esperti tas-saħħa jissuġġerulna nieklu ftit u ta' spiss. F'dal-ktieb għandkom *tnaqqira* għal kull jum tas-sena. Fejn stajt, ippruvajt ngħaqqad it-tema tal-kitba ma' okkażjonijiet importanti, mal-istaġun jew mal-festa tal-ġurnata. Ngħidu aħna, matul Diċembru se ssibu għadd ta' rakkonti fuq il-Milied. Hekk ukoll f'Jum l-Omm, Jum il-Missier, il-Karnival, il-Ġimgħa l-Kbira, il-bidu tar-rebbiegħa … u l-bqija.

B’hekk se jirnexxilna nqattgħu sena sħiħa flimkien. U jekk xi wħud minnkom għandhom moħħ żurżieqa bħal tiegħi, meta taslu fl-aħħar paġna x’aktarx tkunu nsejtu xi qrajtu sena qabel … u tkunu tistgħu terġgħu dduru għall-1 ta’ Jannar!

Is-sena t-tajba.



# Il-Valz

Meta fi tmiem ir-riċeviment tat-tieġ, Frida u Manwel resqu jaqsmu l-kejk, għajnejn Frida kienu waqgħu fuq il-figurini tal-ġibs fuq il-quċċata. Ma kinux bħal dawk il-figuri komuni ta' għarus u għarusa qed iżommu lil xulxin labranzetta jħarsu ċass lejn il-mistednin; iżda kienu koppja qed jiżfnu valz sieket: l-għarusa żżomm tarf id-dublett b'idha x-xellugija waqt li bil-leminija tħaddan magħha liż-żagħżugħ, donnhom lesti biex jiskijaw l-"iSkaters Waltz" fuq il-ġelu tal-kejk … l-istess bħalma kienu għamlu hija u Manwel ftit tal-ħin qabel meta ħarġu jiżfnu mal-mużika ta' "María Elena". Kull meta tiftakar f'dik il-ġrajja, Frida kienet dejjem tiskanta kif huma u jaqsmu l-kejk, minkejja l-istorbju, id-daqq tal-mużiċisti u l-ferħ kollu tal-qraba u l-ħbieb, għajnejha kienu ssammru fuq dawk il-figurini daqs nitfa. Kienet ħadithom magħha fil-lukanda ta' Selmun għall-jumejn ta' qamar il-għasel, u meta ġew lura, qegħdithom solennement fis-salott, fejn qattgħu 'l fuq minn erbgħin sena jiżfnu l-"Gold and Silver Waltz" ta' Franz Lehár qalb ir-rikkezzi tal-vetrina.

Bil-flus li qalgħu fit-tieġ, Frida u Manwel xtraw sett tat-televixin NordMende. Dik il-ħabta kien hemm biss l-istazzjon tar-Rai, u wara xi snin żdied is-*Secondo Programma*. Frida kienet tinħall wara l-varjetà u wara l-programmi tar-*re dei quiz,* Mike Bongiorno. Iżda l-programm li tkun tistenna bil-ħerqa minn sena għall-oħra, kien il-Kunċert tal-Ewwel tas-Sena minn Vjenna. Għal dakinhar, Frida kienet tħejji pranzu mill-aqwa, bil-brodu, bit-timpana u d-dundjan. Kienu jistiednu lill-ġenituri tagħhom u lil ħuthom, u kienu jarmaw

mejda twila fis-salott. Xejn ma kienet tiddejjaq tnaddaf, issajjar u żżejjen darha … basta jħalluha tgawdi l-Kunċert ta' Vjenna bil-kwiet. B'hekk biss kienet tħoss li tabilħaqq waslet sena ġdida. Malli fuq l-iskrin tat-televixin kienet titfaċċa d-dehra tal-Wiener Musikverein xpakkata bl-arranġamenti tal-fjuri, u tisma' l-ewwel battuti tal-ewwel valz, Frida kienet tilmaħ is-salott idur żugraga, it-timpana taqbeż ġol-platti mal-overture tad-"Die Fledermaus", il-piżelli u l-patata tal-kontorn jinżlu jitgerbu mar-ritmu tal-"Pizzicato Polka" u tul l-ikla kollha l-inbid jibqa' jfawwar u jgelgel mal-ilmijiet armonjużi tal-"Blue Danube". Iżda l-favorit tagħha kien il-valz "Morgenblätter (Morning Papers)" … il-gazzetti li ta' kull filgħodu jħabbru l-bidu tal-jum ġdid b'dik il-melodija friska li ġġiegħlek tħossok kburi li qed tgħix.

Imbagħad kienu jitfaċċaw iż-żeffiena ġos-sala ta' palazz Barokk; l-irġiel biċ-ċoff u l-ġlekkijiet issikkati u t-tfajliet bid-dbielet twal u wesgħin kollha pnatar … l-istess bħall-figurini ta' ġol-vetrina, li nhar l-Ewwel tas-Sena kienu jerħulha jiżfnu minn ħdejn il-gallettiniera għal wara l-gabarrè tal-EPNS. U meta ż-żeffiena jidhru jiżfnu l-valz mill-għoli, id-dbielet tat-tfajliet kienu jinbidlu fi ċrieki perfetti, kollha jagħqdu u jduru bl-istess ritmu … bħall-ingranaġġi tal-arloġġ li jkun qed itektek l-ewwel sigħat tas-sena l-ġdida.

Minn sena għal sena, il-mejda tas-salott bdiet iżżid titwal, għax issa t-tfal kibru u bdew iġibu magħhom lill-għarajjes … imbagħad iżżewġu u bdew ġejjin in-neputijiet. U waqt it-tifqigħ tat-tappijiet tax-"Champagne Polka", is-siġġijiet madwar il-mejda jissikkaw dejjem aktar. Bil-mod il-mod Frida bdiet tħoss li ma kinitx għadha tiflaħ issajjar dik l-ikla kollha u żewġha Manwel kien jaqta' nifsu hu u jarma mejda li mis-salott kienet qed thedded li tibqa' ħierġa sal-intrata.

Is-sena ta' wara, binthom Amelia ddeċidiet li hi u żewġha jibdew jorganizzaw l-ikla ġo darhom. U Frida u Manwel ħadu r-ruħ. F'leħħa ta' berqa nibtet it-tradizzjoni li t-tliet uliedhom jibdew jorganizzaw l-ikla tal-Ewwel tas-Sena darba kull wieħed … u b'hekk Frida u Manwel inbidlu f'mistednin li setgħu jgawdu l-bidu tas-sena l-ġdida fil-kalma u l-paċi. Malli Frida tasal għand uliedha kienet issib is-sett tat-televixin diġà mixgħul fuq ir-Rai 1, għax it-tfal kienu jafu tajjeb li ommhom tkun aktar ħsiebha fil-Kunċert ta' Vjenna milli fihom u fl-ikel. U minnufih Frida araha ttajjar minn fuqha t-toqol tas-snin u terħilha ddur tond bid-dublett wiesa' kollu pnatar … waqt li 'l bogħod 'il bogħod, fil-vetrina ta' salott sieket, il-figurini kienu jibqgħu jistennew għalxejn il-mejda t-twila u l-ilmijiet ileqqu tad-Danubju.

Imma f'daqqa waħda, Manwel miet ħabta u sabta u s-sena ta' wara ż-żeffiena spiċċat mingħajr sieħeb. Uliedha bdew jagħmlu ħilithom kollha biex il-valz ma jintfilhiex. L-ikla tal-Ewwel tas-Sena għamluha xorta waħda u xegħlulha s-sett tat-televixin fuq ir-Rai biex malli tidħol fil-kamra ssib il-Wiener Musikverein kollha tistennieha. Iżda hekk kif iż-żeffiena dehru mill-għoli, bid-dbielet ċrieki ċrieki jduru lkoll flimkien b'perfezzjoni mekkanika, Frida reġgħet ftakret fl-ingranaġġi tal-arloġġ. U ntebħet! Le, dawk ma kinux qed itektku l-ewwel sigħat tas-sena l-ġdida, imma l-aħħar taqtiriet ta' ħajjitha. Malli daħlet lura ġo darha ġriet lejn il-vetrina tas-salott u ħarġet iż-żewġ figurini minn wara l-ħġieġa. Iżda hekk kif żammithom f'idha, iż-żebgħa u l-verniċ bdew jitfarfru u f'tebqa t'għajn, fuq wiċċhom tfaċċat il-bjuda tal-ġibs bil-ħarsa ċassa tagħhom lejn il-fantażmi tal-mistednin … waqt li ġo qalbha beda jdamdam il-"Morgenblätter" … bil-gazzetti ta' filgħodu li dalwaqt kienu se jisbħu jxandru obitwarju ġdid, meta l-valz tal-ħajja jinbidel fil-valz tal-mewt.

## Jannar 2

# Qdif

Qatt m'emmint fil-proponimenti tal-Ewwel tas-Sena, imma meta għall-Milied żewġi Karl tani exercise bike, wegħedt lili nnifsi li nibda nagħmel xi ħaġa. Binti Amber kienet ilha teħodli rasi: *Ma, agħmel id-dieta. Ma, ibda mur imxi. Ma, mur kellem nutritionist.* U għalkemm Karl qatt ma kien jgħidli xejn, kont naf li jippreferi jerġa' jarani bħal meta kont għadni nista' nilbes il-bikini. Tmienja u tmenin kilo kienu żżejjed. Ma nafx kemm-il darba bdejt noħroġ nimxi kull filgħodu; kemm-il darba bdejt dieta stretta ta' ħaxix. Qatt ma kelli r-rieda u l-perseveranza. Iżda issa, b'dik ir-rota li tani Karl ma kelli ebda skuża. Qegħedhieli fil-kamra tas-sodda u qalli, "Issa l-ewwel ħaġa filgħodu, malli jiena nitlaq għax-xogħol, ibda agħmel nofs siegħa fuqha. Inti u taqdef, oqgħod ara t-televixin biex ma tiddejjaqx!"

U hekk bdiet ir-rutina: nixgħel it-televixin, nirkeb ir-rota u nibda naqdef. L-ewwel darba li rkibtha, inzerta kien hemm programm tat-tisjir. U jiena naqdef u nsegwi. Mmm, majjal bis-sos tat-tuffieħ. Riċetta oriġinali. Qatt ma kelli drawwa ndaħħal il-frott mal-ikel. Tuffieħ aħdar, ginger, ross ismar, zunnarija, lariġ, filetti tal-majjal … interessanti. Aktar ma naqdef aktar bdejt inħoss lgħabi nieżel. Kważi bdejt inxomm ir-riħa ta' dak is-sos ibaqbaq, tal-majjal ħiereġ mill-forn, it-togħma tal-ginger u l-lariġ. Ma flaħtx aktar. Ilbist bil-ħeffa bla ma ħadt shower u tlaqt nixtri l-ingredjenti kollha. X'aktarx li dik il-lejla kienet l-ewwel darba li rajt lil Amber tiekol verament bil-qalb u … b'għaġeb tal-għeġubijiet … tatni prosit!

L-għada filgħodu, jien u naqdef fuq ir-rota, reġa' kien hemm l-istess programm. Pastini taċ-ċikkulata bil-cranberries, vanilla, trab tal-kannella, ċikkulata bajda mqattgħa rqiq. U rġajt inħkimt mill-istess kilba li nsajjarhom. U l-għada qalilna kif nagħmlu Prosecco cocktail, bil-cognac u l-angostura. U jiena nħaffef ninżel minn fuq ir-rota biex infittex nippruvahom; donnha dik ir-rota kellha xi dynamo mqabbad mat-taste buds ta' ħalqi. Tassew li Karl u Amber kienu dejjem jagħtuni l-prositijiet, imma ma setax ikun li nibqa' sejra hekk. Kien hemm dawk it-tmienja u tmenin kilo fin-nofs. Kollu tort ta' dak il-programm tat-tisjir.

Iddeċidejt li mill-għada nibda ndawwar it-televixin fuq stazzjon ieħor. U hekk għamilt. Telebejgħ. Tajjeb. Basta mhux ikel.

*Se jkollkom xi okkażjoni speċjali? Araw xi ġmiel ta' lbiesi għadhom kemm waslulna. Kollha plus sizes.*

Ma stajtx ma nberraqx għajnejja. Libsa sewda bix-xifon man-naħa ta' fuq u mal-kmiem. Mill-irkoppa 'l isfel tinżel ippjegata rqiq irqiq u mimlija qisu qtar ileqq, tawwali u delikat. Istra xi ġmiel!

*Jekk tfittxuha online ssibuha, tiswa 350 ewro. Imma aħna qed noffruhielkom għal 180. Iva sewwa smajtu: 180 ewro biss.*

Xahrejn wara kien se jkollna t-tieġ tat-tifla t'oħti. Din il-Bambin bagħatha! Ħriġt il-karozza bil-ħeffa mill-garaxx u tirt lejn Tas-Sliema. Is-soltu tgħidx kemm indum niġri minn ħanut għal ieħor. Nipprova l-ilbiesi u nkemmex xofftejja. Imma din ġietni pinna mill-ewwel. Għal libsa bħal dik, 180 ewro verament ħmerija. Afli dan it-telebejgħ tassew utli.

L-għada kienu qed juru ż-żraben … il-weak point tiegħi. Imma kif tista' ma titlifx għaqlek wara żarbun bħal dak:

iswed tas-swejd, kemm kemm bil-platform, takkuna baxxa (famuża … għax Karl ma jkunx iridni nidher itwal minnu) u maċ-ċinta għandu bħal ċinga kollha fosos u lewlu. Żarbun maġiku. Ideali għal mal-libsa l-ġdida li xtajt. U sa dakinhar flgħaxija kien għandi.

Naqdef ir-rota u nintrikeb minn ġenn biex nikseb dak li nara. Xtrajt żewġ handbags, xall tal-bizzilla sewda, ġakketta tal-ġilda. Le, ma jistax ikun. Dik ir-rota ma kellhiex brejkijiet. F'ġimgħa tajjart mal-elf ewro. Hemm bżonn li waqt li nkun qed naqdef ma nibqax nara aktar televixin. Iva, mela x'inhu. Nibda nisma' l-MP3 li kienet tatni Amber f'għeluq snini. Hemm dak l-album ta' Whitney Houston verament għal qalbi: *My Love is Your Love*. Xħitt l-earphones f'widnejja u bdejt naqdef. Xi ġmiel ta' mużika! Kif tista' ma togħġbokx Whitney Houston? Romantika. Senswali. Eċitanti. Erotika. Mmm. Aħħħ. Xi ħlew ta' sensazzjoni! X'memorji! Qbiżt minn fuq ir-rota, tajjart ħwejġi, sakkart il-bieb tal-kamra biċ-ċavetta u nxtħitt fuq is-sodda nagħmel dak kollu li kont nagħmel meta kelli sittax-il sena. *My Love is Your Love*.

Meta kont għoddni wasalt, nisma' żewġ taħbitiet fuq il-bieb.

"Ma, xi ġralek? Inti OK jew?"

* * *

Jiena qatt m'emmint fihom il-proponimenti tal-Ewwel tas-Sena. Wara kollox, jien għax għandi nilbes il-bikini? U tmienja u tmenin kilo ma kinux xi ħaġa ta' barra minn hawn. Oħti tiżen tlieta u disgħin u Michael tagħha dejjem ifaqqgħalha fuq sormha u jgħidilha kemm hi sexy.

Lejla waħda binti Amber daħlet tiġri fil-kċina u qaltli:

"Ma, smajt riċetta ta' meat loaf veru eċċezzjonali …

bil-bacon u l-bajd iebes. Agħmilhielna ma … please, please!"

Dort lejha b'idejja mgħaqqdin ponn fuq ġenbejja.

"Isma', jaqaw inti qed tirkeb dik il-qaħbeċ rota?!"

Jannar 3

## Meta Tiħdar il-Ġulbiena

Missieru, in-nannu Pawlu u zijietu, ilkoll kienu dilettanti kbar tal-presepju. Għalhekk ma setax jonqos li Antonio, li kien imnissel minn din il-ġenerazzjoni ta' presepjarji professjonali, ma jkollux ġibda kbira lejn dan in-namur. Fi tfulitu kien ħalef li bil-presepji tiegħu għad jirnexxilu jisboq lil dawk kollha li ħadmu l-antenati tiegħu … saħansitra jisboq liz-ziju Mikiel, iz-ziju ta' missieru, li kien meqjus bħala l-istilla tar-razza, u li l-presepju li kien ħadem għall-knisja tas-Salvatur, kien għadu jintrama u jgħaġġeb lin-nies sal-lum. Iżda Antonio kellu ġibda akbar tbaqbaq ġo fih. L-għalliema tiegħu ntebħu sa minn kmieni li Antonio kien artist. Fl-eżamijiet tal-arti kien ikaxkar il-premjijiet kollha. Meta sħabu kienu qed jagħtu l-eżamijiet tal-O'level huwa ta l-A'level u fi ftit snin irnexxielu jirbaħ borża ta' studju għall-Akkademja ta' Ruma u oħra għal Londra. Meta kellu biss wieħed u tletin sena Antonio kien diġà naqqax ismu bħala artist stabbilit u ma setax ilaħħaq mal-kummissjonijiet li kien ikollu u mal-wirja grandjuża li kien itella' kull sentejn. U l-ħolma ta' tfulitu bil-presepji li għad isawwar dabet fix-xejn.

Iżda kull Milied, meta kien jieħu lil uliedu jaraw il-presepju tas-Salvatur, kien minnufih jisma' lill-antenati kollha

jsejħulu, lil missieru, lin-nannu Pawlu u fuq kollox liz-ziju Mikiel: jismagħhom iċanfruh talli kien qata' dik it-tradizzjoni sagra tal-familja u f'kor wieħed jibdew jisfidawh jekk hu, il-famuż artist imfittex mill-pajjiż kollu, kellux il-ħila jsawwar presepju isbaħ minn tagħhom. Malli jkun wieqaf hemm, quddiem il-presepju taz-ziju Mikiel, Antonio kien jaħlef li malli jgħaddi l-Milied iwarrab kollox minn idejh, iħalli l-kummissjonijiet kollha jistennew u jibda jaħdem presepju.

Imma mbagħad il-ġulbiena kienet tiħdar, mit-twieqi tad-djar jgħibu s-siġar tal-Milied u l-Bambini, u Antonio jerġa' jistira t-tila u jogħdos fl-inkwatri għeżież tiegħu. U l-ġrajja ttenni Milied wara Milied … litanija ta' wegħdiet miksura. Sakemm fl-aħħar sab mod kif isikket l-ilħna insistenti tal-familja.

“Iva, tibżgħux,” kien jgħidilhom, “la nerfa' mix-xogħol u ma nibqax naċċetta kummissjonijiet aktar, nagħmel il-presepju ta' ħajti! Inwegħedkom. Presepju tal-għaġeb!”

U b'din il-wegħda lill-antenanti tiegħu u lilu nnifsu, Antonio rnexxielu tabilħaqq imewwet it-tingiż kollu ta' ruħu. Mhux hekk biss. Sena wara sena, il-presepju li kien se jaħdem xi darba, beda jissawwar ġo moħħu.

“Nagħmel presepju tond,” kien jibda jhewden waqt li jkun wiċċu 'l fuq fid-dalma ta' kamartu. “Naħdmu b'tali mod li tkun tista' ddur miegħu u tilmaħ dejjem xeni differenti!”

Is-sena ta' wara ħaseb li minbarra li jkun tond, jagħmlu forma ta' muntanja, b'wied fond għaddej iserrep minn ġo nofsha, u l-grotta tal-Bambin tkun moħbija mal-ġenb tal-wied biex ma tarahiex mill-ewwel.

Wara sena ddeċieda li jibda jħażżeż xi abbozzi. Pinġieh kif għandu jidher minn diversi angoli. Ħażżeż pjanta tiegħu bil-qisien u d-dettalji kollha. Beda jaħseb li minflok tal-kartapesta jaħdmu bil-jablo, għax dak seta' jitħaffer u jitnaqqax. U hekk,

kull Milied, il-presepju li għad jibni meta jerfa' mix-xogħol, beda jikber u jitlewwen quddiem għajnejh. Imbagħad sena minnhom żied idea oħra.

"Iva! Mela x'inhu! Nagħmlu jdur bil-mutur, bil-mod il-mod kemm kemm jitħarrek. B'hekk in-nies ma jkollhomx għalfejn joqogħdu jduru miegħu biex jarawh, imma jibqgħu fl-istess post waqt li l-presepju jdur u jinbidel quddiem għajnejhom."

U reġa' beda jħażżeż l-abbozzi.

Is-sena ta' wara ġietu l-idea li l-presepju jagħlqu ġo qisha kaxxa kbira li mal-faċċata jkollha tieqa bil-ħnejja. B'hekk, waqt it-tidwir tal-presepju, in-nies jaraw biss dak li jkun jidher mit-tieqa, u kollox jieħu bixra aktar misterjuża. Dan se jkun l-aktar presepju oriġinali li qatt deher fil-gżira.

Imbagħad sena minnhom beda jitħasseb. Nibtet mistoqsija ġo moħħu! Jekk il-presepju se jkun idur bil-mutur, kif se jaqbad jgħaddi l-wires tad-dawl? Dawn żgur jitħabblu waqt it-tidwir! Hu kien biss artist u mhux electrician. Reġa' beda jħażżeż u jpinġi biex jara jsibx soluzzjoni. Imma kollu ta' xejn. Il-wires bilfors kienu se jitħabblu. U kien għoddu qata' qalbu meta f'daqqa waħda ftakar f'Karmenu Briffa. Dik hi kollha! Il-ħobż tih lil min jaf jieklu. Karmenu kien electrician prim. Kien ħadem id-dawl kollu tal-faċċata tal-knisja u tal-koppla. Karmenu żgur kien jaf kif isolvi problema ċkejkna bħal dik. Jgħidlu xi jrid u jħalli f'idejh. Meta jasal iż-żmien imur ikellmu. Meta jkun il-waqt.

U l-ġulbiena baqgħet tiħdar ma' kull Tre Re, u l-kummissjonijiet baqgħu deħlin bil-gzuz.

* * *

"Bonġu, Mast! X'se nagħmlu dalgħodu? Neħduh ix-shower?"

Mark għenu jqum mis-sodda, u wara li ħaslu, ixxuttah u għenu jilbes, staqsieh jekk kellux aptit platt ċereali għall-kolazzjon. Imma Antonio dejjem te u biċċtejn toast ikun irid. Imbagħad poġġa bilqiegħda fuq il-pultruna u qagħad jistenniehom iġibulu l-gabarrè bit-te u l-ħobż mixwi. Kiel u xorob bis-sabar kollu, u meta lesta, qam bil-lajma u telaq jimbotta l-ħadida biex jasal sa tarf il-kuritur. Hemmhekk, taħt l-arkata tal-loġġa, il-carers kienu rmaw presepju mdaqqas. Antonio kien imur jittawwallu kuljum u joqgħod jitbissem u jxengel rasu.

"Kemm hawn min hu żatat," kien jibda jgedwed. "Lanqas għandhom l-iċken idea ta' kif għandu jkun presepju. Għerien qishom magħmulin bil-kumpass u bibien tad-djar iċken mill-pasturi. Porkerija. Tibżax, għad xi darba nurihom kif ikun presepju tassew. Presepju tond tal-jablo, forma ta' muntanja għolja b'wied fond iserrep ġo nofsha. Idur bil-mod bil-mutur u kollox ikun jidher biss minn ġo tieqa kbira. Dak ikun presepju tassew. U d-dwal! Id-dwal inħallihom f'idejn Karmenu l-electrician. Dak jaf x'għandu jagħmel biex il-wires ma jitħabblux."

U dar biex jitlaq lura lejn kamartu. Imma waqaf soptu. F'daqqa waħda ftakar li xi ħadd kien qallu li Karmenu l-electrician kien miet is-sena ta' qabel. Jista' jkun. X'aktarx it-Tabib Debono kien qallu. Issa jmur ifittex fil-kexxun jara jekk kellux santa tal-mewt tiegħu.

Reġa' ta l-aħħar daqqa t'għajn lill-presepju. Il-ġulbiena diġà kienet bdiet tiħdar.